

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/871**tal-14 ta' Ġunju 2018****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ⁽²⁾ stabbilixxa l-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni, imsemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, ċerti Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (European Aviation Safety Agency, "EASA") għaddew l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-aġġornament ta' dik il-lista. L-informazzjoni rilevanti għet ikkomunikata wkoll minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi ta' dik l-informazzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni infurmat lill-kumpaniji tal-ajru kollha kkonċernati direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li temenda l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq kumpanija tal-ajru li tkun inkluża fil-lista.
- (4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lill-kumpaniji tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti fornuti mill-Istati Membri, biex jissottomettu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 ⁽³⁾ (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru").
- (5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejnin, fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 ⁽⁴⁾, mal-awtoritajiet kompetenti u mal-kumpaniji tal-ajru tal-Afganistan, tal-Angola, tal-Bolivja, tal-Gambja, tal-Indoneżja, tal-Libja, tan-Nepal, tar-Russja u tal-Venezwela. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll informazzjoni lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza fil-Guinea Ekwatorjali, fil-Kazakistan, fl-Indja, fil-Mauritania, fil-Mozambique, fil-Filippini, fit-Tajlandja, fl-Ukrajna u fiż-Żambja.
- (6) L-EASA ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti tal-awditjar li twettqet mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organisation, "ICAO") fil-qafas tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza tal-ICAO lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ġew mistiedna jagħtu prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa għall-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati minn pajjiżi terzi li fir-rigward tagħhom ġie identifikat Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza mill-ICAO jew li fir-rigward tagħhom l-EASA kkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza. Minbarra l-konsultazzjonijiet li wettqet il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa se tippermetti l-kisba ta' aktar informazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati f'dawk il-pajjiżi terzi.

⁽¹⁾ ĠUL 344, 27.12.2005, p. 15.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jstabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 84, 23.3.2006, p. 14).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠUL 373, 31.12.1991, p. 4).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠUL 84, 23.3.2006, p. 8).

- (7) L-EASA infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu skont il-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (Safety Assessment of Foreign Aircraft, "SAFA") f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ⁽¹⁾.
- (8) Barra minn hekk, l-EASA infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li twettqu fil-pajjiżi terzi milquta minn miżuri jew monitoraġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal aktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex titjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, bl-għan li jiġu solvuti n-nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards applikabbli tal-avjazzjoni ċivili internazzjonali. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal talbiet bħal dawn fuq bażi bilaterali b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. Dwar dan, il-Kummissjoni tenniet is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-bażi tad-data tan-Netwerk ta' Assistenza Kollaborattiva dwar is-Sikurezza (Safety Collaborative Assistance Network, "SCAN") tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika li jagħtu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex titjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni fid-dinja kollha.
- (9) Il-Eurocontrol aġġorna lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-istatus tal-funzjoni ta' twissija tal-SAFA u pprova l-istatistika attwali għall-messaġġi ta' twissija għal kumpaniji tal-ajru pprobiti.

Il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni

- (10) Wara l-analiżi mill-EASA tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni u minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-EASA, kif ukoll minn spezzjonijiet u awditjar speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar dawk il-miżuri. Il-Bulgarija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-azzjonijiet li kienet ħadet fir-rigward tal-kumpanija tal-ajru Bulgaria Air.
- (11) L-Istati Membri tennew li kienu lesti jaġixxu kif meħtieġ jekk xi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards internazzjonali xierqa tas-sikurezza.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Afganistan

- (12) Fit-13 ta' Frar 2018, twettqu konsultazzjonijiet tekniċi bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA u tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan ("ACAA") u tal-kumpanija tal-ajru *Kam Air*, b'mod partikolari dwar il-projbizzjoni fuq l-operat attwali imposta fuq il-kumpaniji tal-ajru kollha mill-Afganistan skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (13) Matul il-laqgħa, l-ACAA pprovdiet informazzjoni dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' sorveljanza tas-sikurezza msaħħa. Fis-snin preċedenti, l-ACAA rrevokat jew issospendiet aktar Ċertifikati tal-Operaturi tal-Ajru (Air Operator Certificates, "AOC"), bosta inġenji tal-ajru ma tħallewx itiru minħabba li ma kinux ajrunavigabbli u ttieħdu azzjonijiet stretti kontra l-ekwipaġġ tat-titjira li ma kinux qed jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Barra minn hekk, l-ACAA infurmat li l-linji tal-ajru kollha li kienu rreġistrati fl-Afganistan kienu soġġetti għal proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid skont l-istandards internazzjonali. Għalissa żewġ linji tal-ajru biss għandhom AOC validu, *Kam Air* u *Ariana Afghan Airlines*. *Kam Air* ġiet ċertifikata mill-ġdid skont il-qafas leġislativ Afgan dwar l-avjazzjoni u *Ariana Afghan Airlines* jinsab fil-proċess li jiġi ċertifikat mill-ġdid. L-ACAA tenniet li, fil-limiti ta' ambjent operattiv diffiċli, hija timpenja ruħha li twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni.
- (14) L-ACAA bdiet timla l-kwestjonarji online għall-Programm Universali ta' Awditar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza – Approċċ ta' Monitoraġġ Kontinwu (USOAP – CMA) tal-ICAO, iżda ma ġiet provduta l-ebda evidenza ta' dan. Ir-Rappreżentant Permanenti tal-Afganistan għall-ICAO qed jinneogzja mal-ICAO biex din tal-aħħar twettaq awditu tal-USOAP malajr kemm jista' jkun.
- (15) Il-kumpanija tal-ajru *Kam Air* ipprovdiet preżentazzjoni dwar l-iżvilupp tal-kumpanija u dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fil-kumpanija. F'Settembru 2014, il-Bord Eżekuttiv ta' *Kam Air* iddeċieda li jikkunsidra mill-ġdid il-pjanijiet ta' strateġija u proċeduri tattiki fl-operazzjonijiet tiegħu, sabiex ikun f'konformità sħiħa mar-Regolamenti l-ġodda tal-ACAA u mal-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati Internazzjonali. Ġie implimentat programm ta' monitoraġġ tad-data tat-titjir u l-kumpanija hija konxja mir-riskji operattivi. Is-sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza u tal-kwalità qegħdin jiġu implimentati.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 296, (25.10.2012, p. 1).

- (16) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi li qed isiru mill-ACAA u l-fatt li l-ACAA qed turi impenn biex tikkoopera mal-Kummissjoni, sabiex jiġu pprovduti aġġornamenti dwar l-istatus tal-obbligi tagħha ta' sorveljanza.
- (17) Madankollu, il-Kummissjoni tinnota l-isfida tal-ambjent operattiv kontinwa fl-Afganistan u l-konsegwenzi negattivi għall-ACAA rigward l-abbiltà tagħha li taqdi l-obbligi tagħha ta' sorveljanza tas-sikurezza. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib ir-riżultati tal-awditu ppjanat tal-USOAP mill-ICAO. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li, fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, jenħtieġ li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru fir-rigward tal-Afganistan li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni ma tiġix emendata, bl-eċċezzjoni tal-kumpaniji tal-ajru Afgani *Afghan Jet International Airlines*, *East Horizon Airlines* u *Safi Airways* li kellhom l-AOC tagħhom revokat u għalhekk ma għadx hemm bżonn li jiġu inklużi fil-lista.
- (18) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, huwa meqjus li jenħtieġ li tiġi emendata l-lista Komunitarja tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni biex jitneħħew il-kumpaniji tal-ajru *Afghan Jet International Airlines*, *East Horizon Airlines* u *Safi Airways* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Angola

- (19) F'Novembru 2008 ⁽¹⁾, il-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Angola, għajr waħda minnhom, kienu soġġetti għal projbizzjoni sħiħa fuq l-operat, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Angola (INAVIC) biex jimplementaw u jinfurzaw l-istandards internazzjonali tas-sikurezza applikabbli. Saret eċċezzjoni parzjali għall-kumpanija tal-ajru *TAAG Angola Airlines*. It-*TAAG Angola Airlines* iddaħħlet fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ⁽²⁾ u tħalliet topera fl-Unjoni b'parti mill-flotta tagħha.
- (20) F'Marzu 2017, l-ICAO wettqet Missjoni ta' Validazzjoni Kkoordinata tal-ICAO (ICAO Coordinated Validation Mission, ICVM) fl-Angola. Abbażi tar-riżultati ta' din il-missjoni, l-ICAO ħabbret li t-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza fiż-żona tal-operazzjonijiet ġie solvut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Angola.
- (21) Permezz ta' ittra datata t-2 ta' April 2018, l-awtoritajiet kompetenti tal-Angola infurmaw lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u r-riżultati tal-ICVM.
- (22) Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi li qed jagħmel l-INAVIC u l-fatt li l-INAVIC huwa impenjat biex jinvolvi ruħu fil-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni sabiex jipprovdi aktar informazzjoni dettaljata fir-rigward tal-progress li sar fis-sorveljanza tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tiegħu.
- (23) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mill-Angola.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Bolivja

- (24) Fit-30 ta' Jannar 2018, saret laqgħa ta' konsultazzjoni teknika bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA, u ta' Stat Membru u r-rappreżentanti għolja mid-Direttorat Ġenerali tal-Bolivja għall-Avjazzjoni Ċivili (Directorate General of Civil Aviation of Bolivia, "DGAC").
- (25) Il-Kummissjoni kienet talbet lid-DGAC biex jipprovdi lista ta' dokumenti u ta' azzjonijiet li jridu jitlestew. Id-DGAC ipprova d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha fil-ħin u l-EASA pprovdiet analiżi ta' din id-dokumentazzjoni. Il-konklużjoni preliminari kienet li l-proċeduri huma dokumentati sew, iżda li ma kienx possibbli li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni korretta reali tagħhom. Jidher li d-DGAC għandu persunal biżżejjed f'termini ta' għadd ta' spetturi; madankollu, kienet meħtieġa aktar informazzjoni biex jiġi vverifikat li kien hemm l-għarfien espert xieraq għall-kompiti speċjalizzati.
- (26) Sabiex tikseb idea aktar ċara dwar is-sorveljanza tal-operazzjonijiet tal-ajru, il-Kummissjoni talbet lid-DGAC tal-Bolivja biex jipprovdi pjan dettaljat tal-awditjar u tal-ispezzjonijiet ippjanati fl-2018 u ħarsa ġenerali tal-awditjar u l-ispezzjonijiet li twettqu fl-2016 kif ukoll fl-2017 fuq ħames linji tal-ajru li jittrasportaw il-passiġġieri fuq bażi regolari u mhux regolari.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1131/2008 tal-14 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità, il-premessi dwar l-Angola (8) sa (11).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità, il-premessi dwar l-Angola (54) sa (62). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/963 tas-16 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni, il-premessi dwar l-Angola (12) sa (17).

- (27) Din id-dokumentazzjoni addizzjonali ntbagħtet u waslet għand l-EASA. Il-konklużjoni hija li bejn l-2016 u l-2017 kien hemm żieda sinifikanti tar-rata ta' tlestija tal-ispezzjonijiet. Għall-kumpanija tal-ajru *Boliviana de Aviacion*, l-unika kumpanija tal-ajru Bolivjana li topera fl-Ewropa, 88 % tal-attivitajiet ippjanati tlestew. Id-DGAC tal-Bolivja informa li għas-sena attwali (2018) ġie introdott kunċett għas-Sorveljanza bbażata fuq ir-Riskju. Ġie nnutat li għall-operaturi tal-ajru l-oħra, għalkemm twettqet analiżi tar-riskju, se jkun meħtieġ tisħiħ ulterjuri.
- (28) Il-Kummissjoni ħadet nota tal-informazzjoni pprovduta mid-DGAC tal-Bolivja. Il-Kummissjoni tqis li, fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inkluż l-informazzjoni provduta mid-DGAC tal-Bolivja fil-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tat-30 ta' Jannar 2018, f'dan il-mument, ma hemmx raġunijiet biex tiġi imposta projbizzjoni fuq l-operat jew restrizzjonijiet operattivi fuq il-kumpaniji tal-ajru ċertifikati fil-Bolivja.
- (29) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-ħin ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni billi jiġu inklużi l-kumpaniji tal-ajru mill-Bolivja.
- (30) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Bolivja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (31) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Gambja

- (32) Fl-2014 u l-2015, l-ispezzjonijiet tas-SAFA mwettqa fir-rigward tal-operaturi *Aeolus Air Ltd.* u *SIPJ (G) Ltd.* li t-tnejn għandhom AOC maħruġ mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Gambja (Civil Aviation Authority of Gambia, CAAG), urew nuqqasijiet serji fis-sikurezza.
- (33) Fl-24 ta' Lulju 2015, l-EASA bagħtet ittra lis-CAAG li kien fiha r-riżultati ta' spezzjoni fir-rampa mwettqa fuq *SIPJ (G) Ltd.* Barra minn hekk, f'dik l-ittra l-EASA infurmat lis-CAAG li, filwaqt li l-pjanijiet tat-titjira kienu ppreżentati taħt il-kategorija tal-operazzjonijiet ġenerali tal-avjazzjoni u l-ekwipaġġi tat-titjira indikaw li kienu qed joperaw bħala titjiriet tal-Istat, fil-fatt, kien hemm evidenza li l-operazzjonijiet realment kienu ta' natura kummerċjali.
- (34) Investigazzjoni ulterjuri żvelat li l-inġenju tal-ajru kkonċernat kien irreġistrat fl-Istati Uniti tal-Amerka. Fir-rigward ta' dan l-inġenju tal-ajru, l-EASA kkuntattjat lill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Istati Uniti. L-EASA kkuntattjat formalment ukoll lill-awtoritajiet Gambjani li madankollu ma weġbux. *SIPJ (G) Ltd.* ma applikatx għal awtorizzazzjoni TCO.
- (35) Serje ta' spezzjonijiet tas-SAFA mwettqa fir-rigward tal-operatur tal-ajru *SIPJ (G) Ltd.* fl-2016 irriżultat f'sejbiet sinifikanti ulterjuri. Fil-każijiet kollha, it-titjiriet kienu iddikjarati bħala avjazzjoni ġenerali. Madankollu, kien hemm indikazzjonijiet li t-titjiriet kienu kummerċjali u kienu ddikjarati bħala avjazzjoni ġenerali sabiex jiġu evitati l-istandards tas-sikurezza tal-ICAO applikabbli u, b'mod aktar speċifiku, ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni tat-TCO fl-ispazju tal-ajru tal-Unjoni.
- (36) Sabiex tiġi mmonitorajta s-sitwazzjoni mill-qrib, il-Kummissjoni se tibda konsultazzjonijiet tekniċi mal-awtoritajiet tal-Gambja skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.
- (37) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew irreġistrati fil-Gambja skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (38) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (39) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mill-Gambja.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Indoneżja

- (40) Bejn it-12 u l-21 ta' Marzu 2018, l-Unjoni wettqet żjara ta' valutazzjoni fuq il-post fl-Indoneżja. F'dik iż-żjara ħadu sehem esperti mill-Kummissjoni, mill-EASA u mill-Istati Membri. Iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni twettqet fl-uffiċċji tad-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili fl-Indoneżja ("id-DGCA Indoneżjan") u f'għadd ta' kumpaniji tal-ajru ċertifikati fl-Indoneżja, b'mod partikolari *Batik Air*, biex isir paragun mal-aħħar żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni li saret fl-2016; *Wings Air*, operatur fl-istess grupp (*Lion Group*) ta' *Batik Air* u operatur kbir ta' turbopropijiet (*ATR42/72*); *Sriwijaya Air*, l-akbar operatur li għadu fil-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni; *TransNusa*, bi flotta mħallta ta' fannijiet turbo u turbopropijiet (li kollha huma ċertifikati taħt *CASR-121*); *Spirit Aviation Sentosa* u *Susi Air*, it-tnejn iċċertifikati taħt *CASR-135*, b'operazzjonijiet commuter u operazzjonijiet charter. Il-valutazzjoni inkludiet żjarat f'żewġ żoni remoti: bażi ta' *TransNusa* li tinsab f'*Kupang* u l-kwartieri ġenerali ta' *Susi Air* f'*Pangandaran*.
- (41) Matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni nstab li, mill-aħħar żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2016, id-DGCA mhux biss kien żamm il-kisbiet tal-imgħoddi iżda kien għamel titjib konsiderevoli f'għadd ta' oqsma. Punt ta' rilevanza partikolari kien l-istabbiltà li ntlaħqet mid-DGCA f'termini tal-abbozzar tar-regolamenti nazzjonali dwar l-avjazzjoni u l-maturità ppreżentata fit-tweqqif ta' sorveljanza xierqa u effettiva. F'okkażjonijiet preċedenti ġie nnutat li kienu qed jitqiesu jew jiġu adottati mudelli regolatorji differenti, sabiex l-Indoneżja tkun tista' turi konformità mal-istandards tal-ICAO. L-approċċ kien ipprova nuqqas ta' ċarezza. It-tim tal-UE laqa' d-deċiżjoni tad-DGCA biex jadotta politika ċara għar-rispett tar-regolamenti tal-ICAO u biex, fuq inizjattiva tiegħu, jabbazza r-regolamenti f'konformità mal-aktar emendi reċenti tal-ICAO.
- (42) L-esperti setgħu jistabbilixxu li l-attivitajiet ta' sorveljanza, kemm l-awditjar kif ukoll l-ispezzjonijiet, komplew jiġu ppjanati fuq bażi annwali u li l-maġġoranza tal-attivitajiet ta' sorveljanza jitwettqu skont il-pjan.
- (43) Id-DGCA jista' jattira biżżejjed persunal, proporzjonat mad-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-industrija tal-avjazzjoni li fuqha trid titwettaq is-sorveljanza. Il-persunal żdied b'mod sinifikanti mill-2016 u hemm pjanijiet biex jiġu rekrutati aktar riżorsi. Il-persunal intervistat kollu kien ikkwalifikat u nstab li kellu għarfien tajjeb. Il-programmi u l-pjanijiet ta' taħriġ teoretiku tqiesu xierqa. Madankollu, ġie nnutat li għadu meħtieġ taħriġ operattiv ulterjuri tal-ispetturi fir-rigward tar-rappurtar, il-profondità tal-iskrutinju, l-analiżi tal-kawżi ewlenin u l-ghelug tas-sejbiet.
- (44) Id-DGCA Indoneżjan seta' juri li jittieħdu miżuri ta' infurzar fejn meħtieġ permezz ta' ittri ta' twissija, sospensjonijiet, revoki u sanzjonijiet finanzjarji. Mill-2017 kien hemm erba' revoki, 11-il sospensjoni u 21 ittra ta' twissija.
- (45) Il-*Lion Group* jikkonsisti f'sitt kumpaniji tal-ajru ċertifikati fi tliet Stati differenti u japplika approċċ integrat għall-operazzjonijiet tiegħu u għall-ġestjoni tiegħu tas-sikurezza u l-kwalità. Fi ħdan il-*Lion Group*, il-*Batik Air* u l-*Wings Air* huma żewġ detenturi tal-AOC iċċertifikati fl-Indoneżja. Diġà saret żjara lill-*Baltik Air* matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2016, fejn din il-kumpanija wriet li għad għandha sistemi ta' ġestjoni u assigurazzjoni tal-kwalità u tas-sikurezza li jaħdmu sew. L-operatur qed ifittex li jagħmel aktar titjib. Il-*Baltik Air* qieset l-osservazzjonijiet tat-tim tal-UE fl-2016 u inkorporat titjib mhux obbligatorju speċjalment fil-qasam tal-valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza. Il-*Wings Air* timpjega ekwipaġġi u persunal professjonali u għandha sistemi fis-seħħ biex tamministra l-operazzjonijiet diversi. Il-maniġment, kemm fil-livell tal-kumpanija tal-ajru individwali kif ukoll fil-livell ta' grupp, jirċievi u jaġixxi fuq l-analiżi u l-informazzjoni tas-sikurezza u tal-kwalità. Il-maniġment jippromulga wkoll l-informazzjoni u l-azzjonijiet korrettivi permezz ta' pubblikazzjonijiet interni, elettroniċi jew b'xi mod ieħor.
- (46) Is-*Sriwijaya Air* hija t-tielet l-akbar operatur fl-Indoneżja. Għandha sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza stabbilita sew. Il-manigjers ta' livell għoli intervistati għandhom apprezzament tajjeb tal-kwistjonijiet rilevanti kif ukoll għarfien tajjeb tas-sistemi li jintużaw għall-ġestjoni tas-sikurezza u għall-kontroll tal-operazzjonijiet fl-ajru u fl-art. Barra mit-testijiet tal-pessjoni tad-demmu u t-testijiet għall-alkoħol obbligatorji fil-bidu ta' kull perjodu ta' xogħol (kemm għall-Ekwipaġġ tal-Ajru kif ukoll għall-Ekwipaġġ tal-Kabina), *Sriwijaya Air* daħħlet fis-seħħ programm tal-ittestjar aleatorju għad-drogi bħala politika tal-kumpanija. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità għadha fi stadju bikri minħabba li l-implimentazzjoni tagħha bdiet biss is-sena li għaddiet. Il-persunal kollu fid-Direttorat tal-Kwalità huma awdituri kwalifikati. Jista' jsir titjib fil-qasam tal-Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà ta' *Sriwijaya Air* sabiex jinkiseb b'mod faċli l-istatus tal-konformità mal-programm ta' manutenzjoni ta' kwalunkwe inġenju tal-ajru.
- (47) *TransNusa* hija operatur domestiku żgħir. Il-kontroll tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-operazzjonijiet instabu li huma sodisfaċenti. L-operatur żviluppa Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza li tiffunzjona sew u japplika fuq bażi volontarja Programm għall-Monitoraġġ u għall-Analiżi tad-Data tat-Titjir. Kien hemm evidenza ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità, li tista' tibbenefika minn titjib ulterjuri. Il-faċilitajiet tal-manutenzjoni tal-linja f'*Kupang* kienu xierqa għat-tip ta' operazzjonijiet. B'mod ġenerali, *TransNusa* instabet li tikkonforma mal-istandards applikabbli.

- (48) *Spirit Aviation Sentosa* hija operatur iċċertifikat reċentement u wieħed mill-aktar operaturi tal-ajru żgħar fl-Indoneżja b'AOE tal-CASR-135. Għalkemm l-uffiċċji jinsabu f'Jakarta, l-operazzjonijiet isiru l-aktar f'postijiet rurali f'Papua. Is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza hija żviluppata sew. Fil-qasam tal-operazzjonijiet, l-organizzazzjoni nstabt li hija sodisfaċenti. Il-qasam tal-ajrunavigabbiltà kontinwa jeħtieġ titjib.
- (49) *Susi Air* hija operatur iċċertifikat taħt is-CASR-135 li jopera prinċipalment flotta ta' Cessna Grand Caravan. Għandha Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza fis-seħħ. Il-klassifikazzjoni tal-okkorrenzi, l-identifikazzjoni tal-aktar riskji sinifikanti u l-ġestjoni tal-bidliet isiru fuq bażi manwali fuq sorsi ta' data differenti li mhumiex standardizzati. L-ammont ta' xogħol jidher li huwa eċċessiv għall-għadd ta' persuni ddedikati għall-funzjonijiet tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza. Teħtieġ aktar persunal iddedikat u għodod xierqa, speċjalment jekk il-flotta tiżdied kif mistenni. It-tim tal-UE nnota s-sistema b'saħħitha tagħha tal-provvista ta' ekwipaġġ u t-taħriġ ta' standard għoli għall-piloti. F'termini ta' manutenzjoni, il-kumpanija hija stabbilita sew u mgħammra, u hija kapaċi li tappoġġa l-attivitajiet ta' manutenzjoni f'postijiet remoti. Bl-eċċezzjoni tal-manutenzjoni, il-kumpanija nstabt li kellha bżonn aktar persunal foqhma oħra.
- (50) B'mod ġenerali t-tim tal-UE nnota li jidher li hija preżenti politika ta' rappurtar mhux punittiv fl-operaturi miżjura kollha.
- (51) Matul iż-żjarat tal-operaturi, fil-kuntest tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza tagħhom, is-Sistema għall-Prevenzjoni tal-Kollizzjonijiet tat-Traffiku - Pariri ta' Riżoluzzjoni (Traffic Collision Avoidance System – Resolution Advisories, "TCAS – RA") u l-approċċi mhux stabbilizzati ġew elenkati fl-ewwel ħames riskji identifikati. Hemm studji li jindikaw li hemm ħafna inqas okkorrenzi ta' dawn it-tipi ta' avvenimenti bl-użu tal-proċeduri ta' Navigazzjoni Bbażata fuq il-Prestazzjoni (Performance Based Navigation "PBN"). L-approvazzjoni tat-tfassil tal-proċeduri tal-PBN taqa' taħt ir-responsabbiltà tad-DGCA Indoneżjan. Fid-dawl tal-ewwel ħames riskji identifikati, huwa rrakkomandat ħafna li l-awtorità tippromwovi l-użu tal-PBN. Għal dan id-DGCA għandu jinvolvi ruħu mal-partijiet ikkonċernati kollha (eż. l-operaturi tal-ajru, il-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-ajruporti) biex jippromwovi l-użu tal-PBN u jipproduċi pjan direzzjonali sod inkluż il-kooperazzjoni u t-taħriġ meħtieġa.
- (52) Id-DGCA Indoneżjan u l-kumpaniji tal-ajru *Sriwijaya Air*, *Wings Air* u *Susi Air* deheru għal smiġh quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fit-30 ta' Mejju 2018. Id-DGCA Indoneżjan ippreżenta l-istruttura organizzattiva attwali tiegħu, inkluż dettalji dwar il-forza tax-xogħol assenjata lid-Direttorat tiegħu tal-Ajrunavigabbiltà u l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru, dwar il-baġit disponibbli dejjem jikber għall-kompiti tas-sorveljanza tas-sikurezza u għat-taħriġ tal-ispetturi, kif ukoll dwar ir-riallokazzjoni f'faċilitajiet ġodda u moderni. Id-DGCA Indoneżjan ipprova d-dettalji tar-riżultati mill-aħħar Missjoni ta' Validazzjoni Kkoordinata tal-ICAO mwettqa f'Ottubru 2017 mill-ICAO li jindikaw marka ta' implimentazzjoni effettiva (IE) ta' 80,34 %. Id-DGCA Indoneżjan ipprova informazzjoni dwar l-istatus u l-ippjanar tal-implimentazzjoni tan-Navigazzjoni Bbażata fuq il-Prestazzjoni fl-2017 u fl-2018, li wriet li eventwalment għadd sinifikanti ta' ajruporti se jkollhom proċeduri tal-PBN. Fil-preżentazzjoni tiegħu, id-DGCA Indoneżjan ta sommarju tal-azzjonijiet korrettivi meħuda rigward l-osservazzjonijiet li saru mill-esperti waqt iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2018. Ġie definit programm imtejjeb fuq il-baży taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2018 u fuq l-ICVM.
- (53) Matul is-seduta ta' smiġh, id-DGCA Indoneżjan impenja ruħu li jżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar l-azzjonijiet meħuda fir-rigward tal-awditjoni tal-ICVM mwettqa mill-ICAO fl-Indoneżja u fir-rigward tal-bqija tal-osservazzjonijiet magħmula miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2018. Barra minn hekk, id-DGCA Indoneżjan impenja ruħu li jwettaq dialogu kontinwu dwar is-sikurezza, inkluż permezz tal-provvista ta' informazzjoni ta' sikurezza rilevanti u permezz ta' laqgħat addizzjonali, jekk u meta l-Kummissjoni tqis li dan huwa meħtieġ.
- (54) *Sriwijaya Air* hija parti mill-Grupp *Sriwijaya Air*. *Sriwijaya Air* ippreżentat il-pjanijiet ta' estensjoni tal-flotta tagħha mis-37 inġenju tal-ajru attwali għal 42 inġenju tal-ajru fl-2021, dettalji dwar il-proċess ta' reklutaġġ tal-piloti u deskrizzjoni tal-oqsma ta' Operazzjonijiet, Taħriġ u Manutenzjoni. *Sriwijaya Air* ipprovdiet informazzjoni dwar is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza, il-proċess ta' Analiżi tad-Data tat-Titjira u l-Indikatur tal-Prestazzjoni tas-Sikurezza tagħha. Il-kumpanija għabret ukoll informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza li d-DGCA Indoneżjan wettaq fuq *Sriwijaya Air* fl-2017 u l-istatus tas-sejbiet li jirriżultaw minn dawn l-attivitajiet, li kollha ġew konklużi. *Sriwijaya Air* tat preżentazzjoni dwar il-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie żviluppata fuq il-baży tal-osservazzjonijiet li hargħu miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2018.
- (55) *Wings Air* ippreżentat l-istruttura u l-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza tagħha u l-proċessi li stabbilixxiet biex tiżgura s-sikurezza tal-operazzjonijiet tagħha. Matul is-seduta ta' smiġh, *Wings Air* infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru dwar il-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie żviluppata fuq il-baży tal-osservazzjonijiet li jirriżultaw miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2018. Dan il-pjan jinkludi azzjonijiet korrettivi bbażati fuq analiżi tal-kawżi ewlenin ta' dawn l-osservazzjonijiet. Barra minn hekk, *Wings Air* ipprovdiet spjegazzjonijiet dwar l-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-kollizzjoni fuq l-art reċenti li kienet tinvolvi wieħed mill-inġenji tal-ajru tagħha, kif ukoll l-azzjonijiet ta' sikurezza li ħadet *Wings Air* immedjament wara l-aċċident.

- (56) *Susi Air* ippreżentat l-organizzazzjoni, it-tip ta' attivitajiet u l-varjetà tal-forza tax-xogħol tagħha u pprovdiet dettalji dwar il-proċess ta' reklutaġġ għall-piloti, inkluż it-taħriġ provdut permezz taċ-Ċentru ta' Taħriġ tagħha. *Susi Air* enfasizzat il-proċess ta' kwalifika diffiċli ħafna, iddeskriviet il-proċeduri tal-kumpanija u l-politiki adottati sabiex jiġu żgurati operazzjonijiet sikuri fiż-żoni remoti f'Papua u pprovdiet dettalji dwar il-manutenzjoni u l-operazzjonijiet. L-e-SMS implimentat jiffaċilita r-rappurtar immedjat tal-okkorrenza li jikkontribwixxi għal kultura ta' sikurezza soda. *Susi Air* ġabret informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza li d-DGCA Indoneżjan wettaq fuq *Susi Air* fl-2017 u l-istatus tas-sejbiet li tqajmu f'dawk l-okkażjonijiet, li kollha ġew konklużi. *Susi Air* ippreżentat il-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie żviluppat fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet li ħarġu miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fl-2018.
- (57) Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li, b'reazzjoni għall-aċċidenti li seħew fl-imġhoddi, id-DGCA Indoneżjan iddefinixxa ħames oqsma ta' prijorità għal azzjoni mtejba, żviluppa miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u informa lill-kumpaniji tal-ajru kollha dwarhom. Dawn l-oqsma ta' prijorità jinkludu l-ħruġ mir-runway. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tħeġġeġ lid-DGCA Indoneżjan biex iwettaq b'mod sistematiku analiżi tal-kawżi ewlenin meta jseħħu inċidenti jew aċċidenti serji, u biex jiżgura li l-kumpaniji tal-ajru Indoneżjani kollha jaġhmlu l-istess ħaġa.
- (58) Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon il-pjan ta' azzjoni dwar l-użu aċċellerat tal-kapaċitajiet tal-PBN li ġie żviluppat mid-DGCA Indoneżjan, b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-Unjoni, u tenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-pjan ta' azzjoni.
- (59) Il-Kummissjoni tieħu nota tad-disponibbiltà tad-DGCA Indoneżjan biex ikompli l-prattika attwali li jospita esperti barranin fi ħdan id-Direttorat tiegħu tal-Ajrunavigabbiltà u l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru, sabiex jikkowċja l-ispetturi tiegħu għal spezzjonijiet dejjem aktar effettivi tal-industrija tal-avjazzjoni Indoneżjana, u tad-disponibbiltà tiegħu li jinvesti ftali kkwċjar.
- (60) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza essenzjali għall-awtoritajiet Indoneżjani li jiġi żgurat li l-kapaċitajiet tas-sorveljanza tas-sikurezza tad-DGCA Indoneżjan ikollhom dejjem riżorsi biżżejjed biex ilaħħqu b'mod effettiv mad-daqs tal-industrija tal-avjazzjoni Indoneżjana, b'mod partikolari fid-dawl tat-tkabbir mistenni tagħha. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-impenn tal-gvern Indoneżjan f'dan ir-rigward.
- (61) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inkluż ir-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni f'Marzu 2018, u s-seduta ta' smiġh fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, huwa meġus li hemm biżżejjed evidenza ta' konformità mal-istandards u l-prattiki rakkomandati ta' sikurezza internazzjonali applikabbli min-naħa tad-DGCA Indoneżjan u l-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja.
- (62) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 huwa meġus li l-lista tal-Unjoni tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat ġewwa l-Unjoni jenħtieġ li tiġi emendata biex jitneħħew il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fl-Indoneżja mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.
- (63) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fl-Indoneżja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (64) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti tas-sikurezza b'konsegwenza ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni ulterjuri b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mil-Libja

- (65) Fl-20 ta' April 2018, saret laqgħa teknika bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA, ta' Stat Membru, ir-rappreżentanti tal-gvern Libjan u l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Libja ("LYCAA").
- (66) Matul din il-laqgħa, l-LYAA pprovdiet informazzjoni aġġornata dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva tal-ICAO, fl-oqsma li għalihom l-LYCAA qed tfittex assistenza teknika u dwar pjan direzzjonali lejn it-tneħħija tal-projbizzjoni tal-UE. L-LYCAA tenniet l-impenn tagħha biex twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tas-sikurezza tal-avjazzjoni. L-LYCAA infurmat li kienet qed taħdem b'mod intensiv fuq dan u li s-sitwazzjoni tjiebet b'mod sinifikanti.
- (67) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi li qed isiru mill-LYCAA u l-fatt li l-LYCAA qed turi impenn biex tikkoopera mal-Kummissjoni, sabiex jiġu pprovduti aġġornamenti dwar l-istatus tal-obbligi tagħha ta' sorveljanza. Madankollu, il-preżentazzjoni li għamlet l-LYCAA pprovdiet biss informazzjoni limitata u nstabet li ma kinitx dettaljata biżżejjed. Barra minn hekk, l-ambjent operattiv fil-Libja għadu kkumplikat ħafna. Fit-30 ta' April 2018, il-Kummissjoni baġhet ittra lil-LYCAA biex titlob għal informazzjoni teknika addizzjonali.

- (68) L-aħħar awditjar tal-ICAO twettaq fl-2007 u l-Implimentazzjoni Effettiva kienet ta' 28,86 %. L-LYCAA qed taħdem fuq il-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva. Il-Kummissjoni tirrakkomanda lil-Libja biex tospita awditu tal-USOAP tal-ICAO bħala pass importanti lejn it-tneħħija tal-projbizzjoni attwali fuq il-kumpaniji tal-ajru Libjani. Barra minn hekk, huwa importanti li d-diffikultajiet operattivi li jirriżultaw mis-sitwazzjoni tas-sikurezza kkumplikata jiġu riżolti b'mod sodisfaċenti. Għalhekk il-Kummissjoni taġhti parir lil-LYCAA biex tikkonċentra fuq l-iżgurar ta' awditu tal-USOAP tal-ICAO. Sadanittant tista' tinkiseb informazzjoni prezzjuża dwar is-sikurezza mill-operaturi barranin li jistgħu jiddeċiedu li jerġgħu jibdeu l-operazzjonijiet tagħhom lejn il-Libja.
- (69) Il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inkluż l-informazzjoni pprovduta mil-LYCAA fil-laqgħa teknika tal-20 ta' April 2018, ma jenħtieġx li tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru mil-Libja li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.
- (70) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-Unjoni tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mil-Libja.

Il-kumpaniji tal-ajru min-Nepal

- (71) Fid-19 ta' Jannar 2018 saret laqgħa teknika bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA, ta' Stat Membru u tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tan-Nepal (Civil Aviation Authority of Nepal, "CAAN"). Is-CAAN għet mistiedna Brussell sabiex taġġorna lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni mtejba tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza fis-sistema tal-avjazzjoni tan-Nepal.
- (72) L-aħħar darba li l-Kummissjoni organizzat laqgħa mas-CAAN kienet f'Novembru 2014. Fi Frar 2014 twettqet żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni, li kkonfermat l-implimentazzjoni baxxa tal-istandards internazzjonali ta' sikurezza. Skont ir-Rapport Finali taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni ta' Frar 2014, tqajmu għadd ta' osservazzjonijiet fir-rigward tar-regolamenti, tal-proċeduri u tal-prattiki tas-CAAN fil-qasam tal-ħruġ tal-liċenzji tal-persunal.
- (73) Matul il-laqgħa fid-19 ta' Jannar 2018, is-CAAN ipprovdiet informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħuda sabiex jiġi żviluppat qafas leġiżlattiv nazzjonali li jikkonforma mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u biex titjeb is-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza fin-Nepal, inkluż il-passi li saru fir-rigward tal-prevenzjoni tal-aċċidenti. Matul il-laqgħa l-Kummissjoni talbet għal informazzjoni addizzjonali mingħand is-CAAN.
- (74) Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Marzu 2018, is-CAAN ippreżentat lill-Kummissjoni l-evidenza tal-ħidma li saret biex tingħata risposta għall-osservazzjonijiet taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni ta' Frar 2014.
- (75) Is-CAAN ipprovdiet ukoll, *inter alia*, informazzjoni dwar is-sorveljanza annwali u l-pjan ta' awditjar regulatorju għall-2017, il-Programm ta' Sorveljanza tas-Sikurezza propost għall-2018, il-Lista ta' Kontroll tal-Analiżi tal-Lakuni fil-Programm ta' Sikurezza tal-Istat, flimkien mal-Politika ta' Sikurezza tal-Istat, u status tal-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Gestiġni tas-Sikurezza (Safety Management System, SMS) għall-operaturi tal-ajru tan-Nepal.
- (76) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, jidher li s-CAAN għamlet ċertu livell ta' progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Madankollu, bħalissa ma hemmx biżżejjed evidenza ta' appoġġ u vverifikata biex f'dan l-istadju jiġi garantit tnaqqis tar-restrizzjonijiet operattivi fuq il-kumpaniji tal-ajru min-Nepal. Fil-fatt, it-titjib allegat jeħtieġ li jiġi vverifikat qabel ma tkun tista' tittieħed deċiżjoni fondata sew fir-rigward tat-tneħħija possibbli tal-projbizzjoni fuq il-kumpaniji tal-ajru min-Nepal. F'dan ir-rigward, jista' jkun hemm il-ħsieb li ssir żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fin-Nepal.
- (77) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru min-Nepal.

Il-kumpaniji tal-ajru mir-Russja

- (78) Matul dan l-aħħar perjodu, il-Kummissjoni, l-EASA u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri komplew jimmonitorjaw mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fir-Russja u li joperaw fl-Unjoni, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq ċerti kumpaniji tal-ajru Russi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

- (79) Fis-26 ta' April 2018, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-EASA u ta' Stat Membru, iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Aġenzija Federali tat-Trasport tal-Ajru Russa (Federal Air Transport Agency, "FATA"). L-għan ta' din il-laqgħa kien li jsir rieżami tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru Russi abbażi tar-rapporti tal-SAFA dwar l-ispezzjoni fir-rampa għall-perjodu bejn id-9 ta' April 2017 u t-8 ta' April 2018 u li jiġu identifikati każijiet li jistħoqqilhom attenzjoni speċjali. Din il-laqgħa ntużat ukoll biex il-Kummissjoni tiġi infurmata dwar il-miżuri speċifiċi ta' sorveljanza tas-sikurezza li qed tieħu l-FATA fil-kuntest tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA tal-2018.
- (80) Matul il-laqgħa, il-Kummissjoni għamlet rieżami aktar fid-dettall tar-riżultati tal-SAFA ta' disa' kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Russja. Filwaqt li ma ġie identifikat l-ebda tħassib fuq il-bażi tal-ispezzjonijiet fir-rampa, l-FATA infurmat lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha fuq dawk il-kumpaniji tal-ajru u dwar il-miżuri ta' infurzar li tieħdu kontra tnejn minn dawn il-kumpaniji tal-ajru.
- (81) Fir-rigward tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA tal-2018, l-FATA infurmat lill-Kummissjoni dwar il-miżuri addizzjonali meħuda biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-ajru matul dan l-avveniment.
- (82) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, inkluż l-informazzjoni pprovduta mill-FATA fil-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tas-26 ta' April 2018, jitqies li ma hemm l-ebda nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tal-FATA biex tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Russja. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinitx meħtieġa seduta ta' smiġh quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Russi jew ta' kwalunkwe kumpanija tal-ajru ċċertifikata fir-Russja.
- (83) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, ma hemmx raġunijiet biex temenda l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni biex tinkludi l-kumpaniji tal-ajru mir-Russja.
- (84) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru mir-Russja mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 965/2012. Jekk dawk l-ispezzjonijiet jindikaw riskju imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni kontra l-kumpaniji tal-ajru mir-Russja, skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Il-kumpaniji tal-ajru mill-Venezwela

- (85) Fis-6 ta' Marzu 2017, il-kumpanija tal-ajru *Avior Airlines*, iċċertifikata fil-Venezwela, applikat għal awtorizzazzjoni tat-TCO mingħand l-EASA. L-EASA vvalutat dik l-applikazzjoni u kkonkludiet li valutazzjoni ulterjuri mhux se tirriżulta fil-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tat-TCO lill-*Avior Airlines* u li din il-kumpanija tal-ajru ma ssodisfatx ir-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għalhekk, fl-4 ta' Ottubru 2017, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni tat-TCO lill-*Avior Airlines* minħabba raġunijiet ta' sikurezza.
- (86) Fl-14 ta' Novembru 2017, kemm l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Venezwela ("INAC") u kemm l-*Avior Airlines* deħru għal smiġh quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (87) L-informazzjoni disponibbli dakinhar tas-seduta tas-smiġh, ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-TCO tal-EASA, l-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Istati membri u l-informazzjoni provduta mill-INAC u mill-*Avior Airlines*, uriet li jenħtieġ li l-INAC tiżviluppa aktar il-kapaċità ta' spezzjoni tagħha fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru li hija responsabbli għalihom, u li l-*Avior Airlines* ma kinitx kapaċi li tindirizza n-nuqqasijiet tagħha fir-rigward tas-sikurezza.
- (88) Għalhekk, il-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat ġewwa l-Unjoni ġiet emendata u l-kumpanija tal-ajru *Avior Airlines* ġiet inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ⁽¹⁾.
- (89) L-informazzjoni disponibbli bħalissa, ibbażata fuq is-sejbiet tal-ispezzjoni tas-SAFA, turi li hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji fis-sikurezza min-naħa tal-*Avior Airlines*. La l-*Avior Airlines* u lanqas l-INAC mhuma kapaċi li jindirizzaw dawk in-nuqqasijiet fis-sikurezza, kif intwera, *inter alia*, mill-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva mhux xierqa u insuffiċjenti li l-*Avior Airlines* qed tippreżenta bħala tweġiba għas-sejbiet identifikati matul l-ispezzjonijiet tas-SAFA, u mill-fatt li l-proporzjon medju tas-SAFA tal-kumpaniji tal-ajru Venezwelani mar għall-aġar minn Ottubru 2017.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 787/2007 tal-4 ta' Lulju 2007 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità, il-premessi dwar il-Venezwela (70) sa (81).

- (90) Sabiex tiġi mmonitorajta s-sitwazzjoni mill-qrib, il-Kummissjoni se tkompli l-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet mill-Venezwela skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.
- (91) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards internazzjonali rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Venezwela, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (92) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tiegħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.
- (93) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mill-Venezwela.
- (94) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.
- (95) Għalhekk jenħteġ li r-Regolament (KE) Nru 474/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness A huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Anness B huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni*

ANNEX I

“ANNEX A

LISTA TA' KUMPAJNI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET ⁽¹⁾

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru ta' Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	L-Istat tal-Operatur
(1)	(2)	(3)	(4)
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	Il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	Is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	L-Iraq
MED-VIEW AIRLINE	MVA/AOC/10-12/05	MEV	In-Niġerja
AIR ZIMBABWE (PVT) LTD	177/04	AZW	Iż-Zimbabwe
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħliet TAAG Angola Airlines li jinsabu fl-Anness B, fosthom			Ir-Repubblika tal-Angola
AEROJET	AO 008-01/11	TEJ	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR GICANGO	009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR JET	AO 006-01/11-MBC	MBC	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR NAVE	017	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR26	AO 003-01/11-DCD	DCD	Ir-Repubblika tal-Angola
ANGOLA AIR SERVICES	006	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
DIEXIM	007	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
FLY540	AO 004-01 FLYA	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
GIRA GLOBO	008	GGL	Ir-Repubblika tal-Angola
HELIANG	010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola

⁽¹⁾ Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, sakemm jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

(1)	(2)	(3)	(4)
HELIMALONGO	AO 005-01/11	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
MAVEWA	016	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Angola
SONAIR	AO 002-01/10-SOR	SOR	Ir-Repubblika tal-Angola
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Kongo responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Ir-Repubblika tal-Kongo
AERO SERVICE	RAC06-002	RSR	Ir-Repubblika tal-Kongo
CANADIAN AIRWAYS CONGO	RAC06-012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
EMERAUDE	RAC06-008	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
EQUAFLIGHT SERVICES	RAC 06-003	EKA	Ir-Repubblika tal-Kongo
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Ir-Repubblika tal-Kongo
EQUATORIAL CONGO AIRLINES S.A.	RAC 06-014	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
MISTRAL AVIATION	RAC06-011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tal-Kongo
TRANS AIR CONGO	RAC 06-001	TSG	Ir-Repubblika tal-Kongo
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR FAST CONGO	409/CAB/MIN/ TVC/0112/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KASAI	409/CAB/MIN/ TVC/0053/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KATANGA	409/CAB/MIN/ TVC/0056/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR TROPIQUES	409/CAB/MIN/ TVC/00625/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BLUE AIRLINES	106/CAB/MIN/TVC/ 2012	BUL	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BLUE SKY	409/CAB/MIN/ TVC/0028/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BUSY BEE CONGO	409/CAB/MIN/ TVC/0064/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	409/CAB/MIN/ TVC/0050/2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
CONGO AIRWAYS	019/CAB/MIN/TVC/ 2015	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
DAKOTA SPRL	409/CAB/MIN/ TVC/071/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
DOREN AIR CONGO	102/CAB/MIN/TVC/ 2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

(1)	(2)	(3)	(4)
GOMAIR	409/CAB/MIN/ TVC/011/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KIN AVIA	409/CAB/MIN/ TVC/0059/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KORONGO AIRLINES	409/CAB/MIN/ TVC/001/2011	KGO	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MALU AVIATION	098/CAB/MIN/TVC/ 2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MANGO AIRLINES	409/CAB/MIN/ TVC/009/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVE AIR	004/CAB/MIN/TVC/ 2015	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVICES AIR	103/CAB/MIN/TVC/ 2012	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SWALA AVIATION	409/CAB/MIN/ TVC/0084/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
TRANSAIR CARGO SERVICES	409/CAB/MIN/ TVC/073/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
WILL AIRLIFT	409/CAB/MIN/ TVC/0247/2011	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Il-Djibouti
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	Il-Djibouti
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Il-Guinea Ekwatorjali
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/ DGAC/SOPS	CEL	Il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/ DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			L-Eritrea
ERITREAN AIRLINES	AOC No 004	ERT	L-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC No 005	NAS	L-Eritrea
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Gaboniża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħliet Afrijet u SN2AG li jinsabu fl-An- ness B, fosthom			Ir-Repubblika Gaboniża

(1)	(2)	(3)	(4)
AFRIC AVIATION	010/MTAC/ ANAC-G/DSA	EKG	Ir-Repubblika Gaboniża
ALLEGIANCE AIR TOURIST	007/MTAC/ ANAC-G/DSA	LGE	Ir-Repubblika Gaboniża
NATIONALE REGIONALE TRANSPORT (N.R.T)	008/MTAC/ ANAC-G/DSA	NRG	Ir-Repubblika Gaboniża
SKY GABON	009/MTAC/ ANAC-G/DSA	SKG	Ir-Repubblika Gaboniża
SOLENTA AVIATION GABON	006/MTAC/ ANAC-G/DSA	SVG	Ir-Repubblika Gaboniża
TROPICAL AIR-GABON	011/MTAC/ ANAC-G/DSA	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Gaboniża
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Ir-Repubblika Kirgiża
AIR BISHKEK (ex EASTOK AVIA)	15	EAA	Ir-Repubblika Kirgiża
AIR MANAS	17	MBB	Ir-Repubblika Kirgiża
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Ir-Repubblika Kirgiża
CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES (CAAS)	13	CBK	Ir-Repubblika Kirgiża
HELI SKY	47	HAC	Ir-Repubblika Kirgiża
AIR KYRGYZSTAN	03	LYN	Ir-Repubblika Kirgiża
MANAS AIRWAYS	42	BAM	Ir-Repubblika Kirgiża
S GROUP INTERNATIONAL (ex S GROUP AVIATION)	45	IND	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY BISHKEK	43	BIS	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY KG AIRLINES	41	KGK	Ir-Repubblika Kirgiża
SKY WAY AIR	39	SAB	Ir-Repubblika Kirgiża
TEZ JET	46	TEZ	Ir-Repubblika Kirgiża
VALOR AIR	07	VAC	Ir-Repubblika Kirgiża
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja.			Il-Liberja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Il-Libja
AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	Il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	Il-Libja
BURQA AIR	002/01	BRQ	Il-Libja

(1)	(2)	(3)	(4)
GHADAMES AIR TRANSPORT	012/05	GHT	Il-Libja
GLOBAL AVIATION AND SERVICES	008/05	GAK	Il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	Il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	Il-Libja
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Ir-Repubblika tan-Nepal
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
AIR KASTHAMANDAP	051/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	Ir-Repubblika tan-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
GOMA AIR	064/2010	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MAKALU AIR	057A/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MANANG AIR PVT LTD	082/2014	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
MUKTINATH AIRLINES	081/2013	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	Ir-Repubblika tan-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	Ir-Repubblika tan-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	Ir-Repubblika tan-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tan-Nepal
YETI AIRLINES DOMESTIC	037/2004	NYT	Ir-Repubblika tan-Nepal

(1)	(2)	(3)	(4)
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			São Tomé u Príncipe
AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	São Tomé u Príncipe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Is-Sjerra Leone
AIR RUM, LTD	MHUX MAGĦRUF	RUM	Is-Sjerra Leone
DESTINY AIR SERVICES, LTD	MHUX MAGĦRUF	DTY	Is-Sjerra Leone
HEAVYLIFT CARGO	MHUX MAGĦRUF	Mhux magħruf	Is-Sjerra Leone
ORANGE AIR SIERRA LEONE LTD	MHUX MAGĦRUF	ORJ	Is-Sjerra Leone
PARAMOUNT AIRLINES, LTD	MHUX MAGĦRUF	PRR	Is-Sjerra Leone
SEVEN FOUR EIGHT AIR SERVICES LTD	MHUX MAGĦRUF	SVT	Is-Sjerra Leone
TEEBAH AIRWAYS	MHUX MAGĦRUF	Mhux magħruf	Is-Sjerra Leone
Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom			Ir-Repubblika tas-Sudan
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	Ir-Repubblika tas-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	Ir-Repubblika tas-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	Ir-Repubblika tas-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	Ir-Repubblika tas-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	Mhux magħruf	Ir-Repubblika tas-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	Ir-Repubblika tas-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	Ir-Repubblika tas-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	Ir-Repubblika tas-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	Ir-Repubblika tas-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	Ir-Repubblika tas-Sudan
SUN AIR	51	SNR	Ir-Repubblika tas-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	Ir-Repubblika tas-Sudan"

ANNEX II

"ANNEX B

LISTA TA' KUMPAJJI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJET OPERATTIVI FL-UNJONI ⁽¹⁾

Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti)	In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC")	Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	L-Istat tal-Operatur	It-tip ta' inġenju tal-ajru li huwa soġġett għal restrizzjoni	Il-marka jew il-marki tar-reġistrazzjoni u, meta jkun disponibbli, in-numru jew in-numri tas-serje tal-konstruzzjoni tal-inġenju tal-ajru li huwa soġġett għal restrizzjoni	L-Istat tar-reġistrazzjoni
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)
TAAG ANGOLA AIRLINES	001	DTA	Ir-Repubblika tal-Angola	Il-flotta kollha ħlief għal: inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B737-700, inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-200, inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-300 u inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-300ER.	Il-flotta kollha ħlief għal: inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B737-700, kif jissewma fl-AOC; inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-200, kif jissewma fl-AOC; inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-300, kif jissewma fl-AOC; u inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-300ER, kif jissewma fl-AOC.	Ir-Repubblika tal-Angola
AIR SERVICE COMORES	06-819/ TA-15/ DGACM	KMD	Il-Komoros	Il-flotta kollha ħlief għal: LET 410 UVP.	Il-flotta kollha ħlief għal: D6-CAM (851336).	Il-Komoros
AFRIJET BUSINESS SERVICE ⁽²⁾	002/MTAC/ ANAC-G/DSA	ABS	Ir-Repubblika Gaboniża	Il-flotta kollha ħlief għal: 2 inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 50, 2 inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 900.	Il-flotta kollha ħlief għal: TR-LGV; TR-LGY; TR-AFJ; TR-AFR.	Ir-Repubblika Gaboniża
NOUVELLE AIR AFFAIRES GABON (SN2AG)	003/MTAC/ ANAC-G/DSA	NVS	Ir-Repubblika Gaboniża	Il-flotta kollha ħlief għal: inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip Challenger CL-601, inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip HS-125-800.	Il-flotta kollha ħlief għal: TR-AAG, ZS-AFG.	Ir-Repubblika Gaboniża; Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel
IRAN AIR	FS100	IRA	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif jissewma fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif jissewma fl-AOC	Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran
AIR KORYO	GAC- AOC/KOR-01	KOR	Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	Il-flotta kollha ħlief għal: 2 inġenji tal-ajru tat-tip TU- 204.	Il-flotta kollha ħlief għal: P-632, P-633.	Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

⁽¹⁾ Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat, sakemm jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

⁽²⁾ Il-kumpanija Afrijet titħalla tuża biss l-inġenji tal-ajru speċifiċi msemmija għal-livell attwali ta' operazzjonijiet tagħha fl-Unjoni.